

# Bibien li jwasslu għall-Belt Valletta... u Bibien oħra - storja ta' tibdil u tiġdid

Victor Scerri

Li kieku, kull meta nagħmlu xi dawra, inħarsu ftit madwarna waħda u sewwa, u ninnutaw biċċiet minn ġrajjiet Malta, x'ifissru u x'kien l-għan tagħhom, inkunu qed nitgħallmu aktar, kemm artna, għad li ċkejkna, hija għanja tabilħaqq fi ġrajjietha. Illum, dan l-artiklu, b'rabta wkoll mal-Belt Valletta, il-Kapitali ta' artna, ser idur dawra xierqa u tajba mal-Bibien.

Il-Bibien (miktuba b'B kapitali għal t'apposta biex nindika liema bibien irrid infissrilkom) f'dan l-artiklu, mhumiex il-bibien ta' residenzi privati, għalkemm fuq dawn ukoll hemm ħafna x'jingħad u x'jinkiteb, imma l-Bibien inkwistjoni huma dawk li, b'xi mod, iwassluna għall-Belt Valletta, il-Belt Kapitali ta' Malta tagħna, jew jinsabu, inkella kienu jinsabu ġewwa fiha.

Dawn il-Bibien jinsabu barra, fl-apert, fil-postijiet pubbliċi li ngħaddu minnhom ta' kuljum u li xi minn daqqiet qajla ninnutawhom jew jekk ninnutawhom, ma ninnutawhomx biżżejjed, ma nagħtuhomx dik l-attenzjoni partikolari li storikament u soċjalment nemmen li jistħoqqilhom. L-importanza tagħhom, anki ta' dawk li m'għadhomx, kienet kbira fil-kuntest taż-żmien.

L-iskop finali ta' dan l-artiklu huwa biex (a) jindika dawn il-Bibien interessanti, (b) iqajjem interess fikom il-qarrejja dwarhom u (ċ) jgħallem lil min ma jafx dwarhom xi ħaġa dwarhom. Dan ukoll sabiex intom issiru tafu aktar kemm hu (a) sabiħ pajjiżna u kemm (b) hi importanti l-Belt Valletta. Bibien bħal dawn komplew jassistu fil-qawwa u l-kobor tal-istorja qadima tagħna.

## Il-Bieb tal-Bombi

Il-Bieb tal-Bombi hu dak il-Bieb f'nofs ta' triq li min-naħa ta' barra tal-Belt Valletta idaħħlek lejn il-Belt Valletta u mill-Belt Valletta jmexxik lil hinn minnha. Dan il-Bieb hu magħruf sew għax għadu wieqaf, simbolu ta' żewġ ħakmiet li għamlu impatt fl-istorja ta' Malta. Illum hu Bieb b'żewġ mini, u minn taħtu jgħaddu mijiet ta' karozzi kuljum, deħlin u ħerġin minn u lejn il-Belt Valletta.

L-istorja tiegħu tibda fi żmien il-ħakma Franċiża. Infatti, għalkemm illum ngħidulu l-Bieb tal-Bombi, għad hawn min isejjaħlu la Franċiża, Porte des Bombes. Jissejjaħ il-Bieb tal-Bombi minħabba żewġ bombi ġeblin li jinsabu maġenbu u li għammdu lill-Bieb b'dan l-isem partikolari u li bħal jheddu lil min jazzarda jaħkimha. Hu bieb popolari anki mat-turisti.

Jekk inħarsu lejh sewwa insibu żewġ *mottos* fil-faċċata tiegħu. L-ewwel wieħed jgħid: *Ad Maiorem Popolo Commoditatem* li tfisser *Għall-Akbar Kumdità Tal-Poplu* u naħ'oħra hemm *motto*

li bil-Malti jgħid: *Bil-Ponn u bil-Balal Niddefendi*. Dan l-aħħar motto jindika trattament militanti li darrewna bih l-Ingliżi u li kien il-qawwa tat-twemmin tagħhom.



**Il-Bieb tal-Bombi meta kien għadu b'mina waħda**

Irid jingħad ukoll li dan il-Bieb oriġinarjament kien b'mina waħda, imma meta beda t-traffiku u kompla jikber fil-għadd, inħasset il-ħtieġa li ma' dik il-mina unika, tinbena oħra u hekk hu li l-Gvern Kolonjali Ingliż, bena t-tieni mina, u allura kabbar doppjament l-istruttura tal-Bieb b'mod intelliġenti hekk illi 'ppareġġja' t-tieni binja mal-ewwel waħda, professjonalment.



**Il-Bieb tal-Bombi b'żewġ mini**

## Bieb Sant'Anna

Bieb ieħor li kien iwassal għall-Belt Valletta kien Bieb Sant'Anna. Dan il-bieb issemma għall-qaddisa li tiġi omm il-Madonna. Fl-isem hemm il-konjugazzjoni u l-konnotazzjoni reliġjuża tant evidenti, u t-testimonjanza ta' kif kważi kull struttura kienet timplika r-reliġjon tal-poplu. Ftit huma dawk li jafu li fi Triq Sant'Anna kien hemm bieb imsemmi għall-qaddisa.

Dan il-Bieb ma kellux l-elaborazzjoni tal-Bieb tal-Bombi, imma kien Bieb ta' popolarità u importanza. Minn quddiem kien sempliċi għall-aħħar, imma kien strutturalment importanti għax irridu ngħidu li kull Bieb kien kenn u sigurtà għal-lokalità. U għall-kenn u s-sigurtà m'hemmx bżonn elaborazzjoni. L-għamla tonda tiegħu kienet aktar tagħti d-dehra ta' kenn.



**Bieb Sant'Anna minn quddiem**

Dan il-Bieb kien magħruf bħala *Porta dei Cani*, għad li uffiċjalment kien il-*Porta Principale* tal-Floriana, kif immarkat fil-mapep uffiċjali tas-Seklu XVIII. Kien l-ewwel punt fokali dirett lil dawk li jidħlu mil-intern għall-Pjazza Sant'Anna bil-Fosos ta' Vilhena u mbagħad tul il-pjazza lejn il-Belt Valletta. Muri f'ritratti qodma l-Bieb hu sostituzzjoni Brittanika tal-1859.



**Bieb Sant'Anna minn wara**

Fl-1897, Porta Sant'Anna twaqqa' għal darb'oħra. Biż-żmien il-vojt fil-ħajt twessa' aktar. Floriana tilfet id-daħla prinċipali u llum, illi aktarx tibqa' tfakkar isem Sant'Anna f'din in-naħa partikolari hija n-niċċa antika li turi lil Sant'Anna nnifisha, ma' bintha u Omm Sidna Ġesù Kristu, Sidtna Marija Santissima fi tfulitha. Bieb Sant'Anna baqa' biss f'ritratti antiki.

## Kalkara Gate

Bieb ieħor ta' importanza u popolarità f'Malta kien dak imsejjaħ il-Kalkara Gate. Dan kien bieb

ieħor storiku u interessanti. Magħruf għal ħafna bħala l-Mina tal-Kalkara, il-bini enormi tal-mogħdija msaqqfa bi troll tal-ġebla *magnifico* jifforma parti mil-Linja ta' Santa Margerita. Hu kien fit-triq lejn il-Kalkara bejn Café Riche, il-Birgu u l-ex skola Garrison ta' Bormla.

Bħal bibien oħra storiċi ta' importanza, dan il-Bieb jew Mina, ukoll safa mġarraf, u dan minħabba li kif kienu jgħidu missirijietna, il-progress-rigress. L-iżvilupp infrastrutturali tas-snin sittin fid-dinja kollha, xi ftit minnu laqat lill-pajjiż tagħna wkoll, u b'mod partikolari laqat lill-Mina tal-Kalkara b'tali mod li preżentament baqa' biss isimha, għal xi referenza ġejjiena.

Il-Kalkara Gate baqgħet għaddejja mill-qerda tat-Tieni Gwerra Dinjija għalkemm setgħet sofriet ħsara ħafifa. Din il-gwerra qerrieda, bħal kull gwerra oħra, ma tagħrafx apprezzamenti lejn strutturi storiċi jew binjiet residenzjali, u fil-qilla u l-ħruxija tal-mibegħda u l-għlied, tolqot u ġġarraf, teqred u toqtol, tneħħi u tnessi jew tipprova tnessi, dak illi hu tassew għażiż.



Kalkara Gate

Sfortunatament, Kalkara Gate, jew kif inhi magħrufa l-Mina tal-Kalkara ġiet imwaqqa' kompletament fis-sittinijiet. Din id-demolizzjoni twettqet sabiex twitti t-toroq u tiftaħ triq ġdida, Triq Boffa (triq imsemmija għall-eks Prim Ministru ta' Malta, it-Tabib Sir Paul Boffa) li testendi fi Triq il-Mina l-Kbira, billi għamlet ksur fis-swar. Illum dan il-Bieb ukoll sar leġġenda.

### Notre Dame Gate

Bieb Notre Dame, magħruf bħala l-Bieb ta' Notre Dame de la Grace (jew Porta della Maria Vergine delle Grazie), il-Bieb tal-Kottonera, il-Bieb jew il-Mina ta' Ħaż-Żabbar jew Bieb is-Sultan (bil-Malti għal "King's Gate") huwa l-bieb prinċipali tal-Linji tal-Kottonera, li jinsabu l-Birgu. Il-bieb inbena stil Barokk fl-1695 u jintuża bħala s-Sede tal-Fondazzjoni Wirt Artna.

Il-Kostruzzjoni tal-Linji tal-Kottonera bdiet f'Awwissu 1670, meta kien hemm beżgħat ta' attakk Ottoman wara l-waqgħa ta' Kandja. Il-Bieb ta' Notre Dame nbena fl-1675 bħala l-bieb prinċipali tal-linji, u d-disinn tiegħu huwa attribwit lil Romano Carapecchia jew Mederico Blondel. Il-bieb jinsab fil-Purtiera ta' Notre Dame, bejn Notre Dame u s-Sur ta' San Ġakbu.

Dan qed jaffaċċja Ħaż-Żabbar. Jinsab fl-ogħla punt tal-Kottonera, u s-saqaf tiegħu intuża biex jgħaddi sinjali bejn il-Belt Valletta u d-difiżi kostali fuq il-parti tal-lvant ta' Malta. Oriġinarjament il-Bieb kien imħares b'qoxra li tinżel u b'simboli. Il-bieb baqa' jintuża fi snin l-Ordni ta' San Ġwann, il-Franċiżi u l-Ingliżi. Il-bieb serva bħala addenda għall-Isptar Militari tal-Kottonera.



Notre Dame Gate



Lithograph li turi Marina Gate u l-Ġnien tas-Sultan maġenbu. (Kollezzjoni Giovanni Bonello)

Bosta suldati midruba kienu akkomodati fil-bieb matul l-Ewwel Gwerra Dinjija. Il-Bieb ġarrab ħsara mill-ibbumbardjar mill-ajru matul it-Tieni Gwerra Dinjija, meta wieħed mill-blokki ta' ħdejh intlaqat direttament. Fil-bidu tas-seklu 21, il-Bieb ta' Notre Dame ġie mgħoddi lill-*Malta Heritage Trust*, Fondazzjoni Wirt Artna, li fuqu għamlet ir-restawr meħtieġ.

### Porta Marina – Victoria Gate

Dan il-Bieb li se nikteb dwaru issa, huwa Bieb li kien magħruf b'diversi ismijiet imma dan hu riflessjoni ta' żminijiet b'ħakmiet jew influwenzi differenti, frott dominji varji f'pajjiżna. Hu dak li bil-Malti nsejħulu l-Bieb tax-Xatt, jew il-Mina tax-Xatt fil-Belt Valletta. Minħabba l-attività kummerċjali kbira fil-Belt Valletta, il-Bieb kellu isem kummerċjali.

Kien jissejjaħ *Porta Marina* u dan minħabba li jinsab qrib il-baħar, fejn kienu jsorġu diversi



**Marina Gate (Kollezzjoni Giovanni Bonello)**

bastimenti tal-baħrin. Kien jissejjaħ ukoll Porta del Monte għall-attività kummerċjali li kienet tkun għaddejja x-Xatt. Fi żmien l-Ingliżi semmewh Victoria Gate. Kienu semmewh hekk għar-Reġina Vittorja, waħda mill-aktar renjanti li damet issaltan fil-Gran Brittanja.

Dan il-bieb inbena mill-Ingliżi fl-1885 u kien




**Victoria Gate kif nafuha llum**

id-daħla prinċipali fil-Belt Valletta miż-żona tal-Port il-Kbir, li darba kienet il-parti l-aktar traffikuża tal-Belt Valletta. Il-Bieb jinsab bejn Purtiera Marina u s-Sur ta' Santa Barbara, fuq sit il-Bieb Del Monte tas-seklu XVI. Tajjeb li wieħed ikun jaf li Victoria Gate hi l-unika mina ingastata fi ħdan il-fortifikazzjonijiet tal-Belt Valletta.

Victoria Gate ġiet estensivament restawrata mill-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali bejn l-2009 u l-2010. Ir-restawr ħa madwar sitt xhur, u kien immexxi mill-periti Claude Borg u Alexis Inguanez. Matul il-kors tar-restawr, l-istruttura ġiet imnaddfa, il-fossa tagħha kienet skoperta mill-ġdid u restawrata, il-bankini tagħha tqiegħdu mill-ġdid u ssewwew xi ħitan.

### Bieb tas-Salvatur

Bieb ieħor li jidħol fl-iskeda ta' Bibien li ta' min wieħed ikun jaf dwarhom hu l-Bieb tas-Salvatur. Dan il-Bieb nistgħu ngħidu, li bħal Bibien oħra f'pajjiżna, ra tibdil drastiku u mhux biss darba, imma darbtejn żgur. Oriġinarjament il-bieb tas-Salvatur kien imtarraġ, jiġifieri kellu t-taraġ



**Bieb is-Salvatur**

minn fejn setgħu jitilgħu u jinżlu n-nies, kif muri fir-ritratt ma' dan l-artiklu.

Mat-trasformazzjoni taż-żmien, il-Bieb tas-Salvatur sar mina żgħira, daħla jew ħarġa, teħodha kif trid jew kif tixtieq, bla ma tilef xejn mill-karatteristika ta' ismu, għax nies l-inħawi u nies oħra, baqgħu jsibuh bħala Bieb, kif kienu jafuh sa minn ċkunithom u skont kif kienu jgħidulhom l-antenati tagħhom, ġenituri, nanniet, zijiet u l-bqija. U t-tibdil baqa' għaddej.

Minn mina żgħira sar mina kbira. Ma rridx ninsa nniżżel hawnhekk illi l-Bieb tas-Salvatur jagħmel parti mill-fortifikazzjonijiet tal-Kottonera u allura l-istorja tiegħu hija kumplessa u interessanti, daqskemm huma kumplessi u interessanti fl-istorja tagħhom il-fortifikazzjonijiet innifishom. Xi kultant l-istorja ma tinkitibx bil-kliem daqskemm tinkiteb bl-għemil.

Illum dan il-Bieb m'għadux kif jidher f'dawn ir-ritratti li qed nippubblika mal-artiklu. Anke bejn l-ewwel u t-tieni ritratt ta' dan il-Bieb hemm it-tibdil. Imma llum, il-Bieb tas-Salvatur la huwa bit-taraġ, la mina kbira u lanqas hu mina żgħira. Dak illi kien il-Bieb tas-Salvatur illum huwa ġnien pubbliku, għar-rikreazzjoni wiesgħa ta' dawk kollha li jixtiequ ftit ħin fis-sliem.

### Jews Sally Gate

Il-*Jews Sally Gate* fil-Belt Valletta hi Bieb jew Mina ieħor jew oħra li tixhed l-influwenza li ħallew fuq il-Belt Valletta l-komunitajiet tal-Lhud li fid-dijaspora tagħhom minn Iżrael lejn l-Ewropa u l-Mediterran sabu l-merħba, il-kenn u fejn joqogħdu fil-Belt Valletta u ġew milqugħin mill-Vallettani b'idejn miftuħa f'merħba aħwija, daqslikieku kienu Vallettani bħalhom.



**Jews Sally Gate**

Biex nagħtu ħarsa ħafifa fuq il-miġja tal-Lhud f'pajjiżna, irridu nirfdu ftit l-istorja. L-għeruq Lhud f'Malta jmorru lura għas-Seklu IV u V matul il-perjodu Ruman kif muri f'bosta inħawi Lhud bi tpinġijiet li juru l-*Menorah* Lhudija (kandelabri) li nstabu fis-sit tal-katakombi ta' San Pawl tar-Rabat, Malta. Il-Lhud kienu nies ta' ħila kbira u bżulija notevoli.

L-istorja Lhudija twila tinkludi perjodi ta' arrikkament kif ukoll skjavitù, skont min kien qed jiddeċiedi f'Malta dak iż-żmien. Punti ta' interess speċjali tal-Wirt Lhudi f'Malta jinkludu postijiet familjari antiki u sinjali tat-toroq. Fil-belt mdawra tal-Imdina, fejn il-Lhud kienu jagħmlu kważi terz tal-popolazzjoni, hemm "Suq tal-Harir Lhudi" u wkoll Mina tal-Lhud.

Il-Belt Valletta, Kapitali Ewropea u Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018 ma setgħetx tonqos li, fi żminijiet oħra ma tospitax, kif tagħmel illum lil bosta turisti ta' kull nazzjon u lsien, lil dawn il-Lhud li ħallew impatt tajjeb fil-komunità tal-Belt Valletta b'mod partikolari, u fil-komunità Maltija in ġenerali. Illum dan il-Bieb hu toqba kbira li tagħti għall-Fossa u Marsamxett.

### Bieb il-Belt (jew il-Fetħa tal-Belt Valletta)

Fil-preżent, qajla nistgħu nitkellmu dwar Bieb il-Belt għaliex effettivament illum, il-Belt Valletta m'għandhiex Bieb. Dan għaliex fil-bidu tar-riġenerazzjoni tal-Kapitali, il-Perit Renzo Piano ddeċieda li l-Bieb għandu jitwaqqa' u l-istrutturi barokki u kontemporanji tal-Belt Valletta jidhru minn barra għal ġewwa, f'kompożizzjoni li għadha dibattibbli u li tqajjem opinjonijiet diviżivi.



L-ewwel isem ta' dan il-Bieb kien *Porta San Giorgio* u kien tassew Bieb, għax ma' nżul ix-xemx kien jingħalaq u l-Vallettani kienu jibqgħu ġewwa

**Porta San Giorgio**



King's Gate (Kollezzjoni Giovanni Bonello)



King's Gate minn ġewwa (Kollezzjoni Giovanni Bonello)

sal-għada, meta kien jerġa' jinfetaħ. Dan kien fi żmien il-ħakma tal-Ordni tal-Kavallieri. Sal-lum, fi Triq ir-Repubblika, li kienet hija wkoll *Strada San Giorgio*, għadek issib Misraħ San Ġorġ, faċċata tal-Palazz.

Fi żmien il-ħakma Ingliża dan il-Bieb kien magħruf bħala *Porta Reale* (ta' min storikament jinnota, illi l-Ingliżi ma ridux jimminimizzaw il-lingwa Taljana mal-ewwel snin tal-miġja tagħhom f'pajjiżna imma riedu tip ta' ugwaljanza bejn l-ilsien Taljan u l-ilsien Ingliż) u bl-isem Brittaniku Imperjalista ta' *King's Gate*, kif baqa' msemmi sas-snin sittin tas-seklu XX.

Fis-snin sittin twaqqa' dan il-Bieb tant sabiħ fost kritika kbira min-nies ta' kultura, għaqdiet, ċittadini ordinarji u residenti biex postu ħadu bieb kbir lixx u bla ebda gost strutturali hekk li ġie mlaqqam bħala Bieb Neo-Faxxista. Illum anke dan il-Bieb sar storja u minflok Bieb hemm daħla jew fetħa, sejħulha li jogħġobkom, illi diġà ħadet il-laqam ta' Fetħa Mesopotamika.

### Bibien u lokalitajiet li kitbu l-istorja tagħna lkoll

Il-Bibien imsemmija hawn fuq joffru tagħrif edukattiv, storiku, artistiku, kulturali, politiku u soċjali kbira, għax għad li fosthom hemm dawk li ġġarrfu jew twaqqgħu biex jagħmlu wisgħa għal proġetti oħra, il-lokalità baqgħet taħt id-dell ta' isimhom, skont kif semmewhom l-antenati tagħna u skont ma kienu magħrufin fl-era ta' dawn ir-ritratti ppubblikati.

Il-lokalitajiet storiċi li fihom kien hemm dawn il-Bibien għadhom hemm, donnhom biex jixhdu, bihom jew mingħajrhom, l-importanza ta'dawn l-imsemmija Bibien, bosta minnhom fil-Belt Valletta u oħrajn fil-Kottonera, faċċata tal-Belt Valletta, żewġ bliet f'port wieħed. Nixtieq hawnhekk, mhux nagħti parir, daqskemm nappella lilkom il-qarrejja.

Dawn huma l-affarijiet li jiktbu l-istorja. Għalhekk tajjeb li ninnutawhom. Dan hu l-parir li nixtieq nagħtikom, għeżież qarrejja. Waqt il-ħarġiet tagħkom, innutaw. Skopru, studjaw u analizzaw. Dak li nsib jien tistgħu ma ssibuhx intom u dak li ssibu intom jista' jaqbeż lili. Jiena kultant niskanta kemm hawn storja qrib tagħna, madwarna, maġenbna.

Ma stajtx inkun aktar dettaljat milli kont, mhux għax ma sibtx jew ma ltqajtx ma' tagħrif, imma mhux dwar kull bieb hemm l-istess tagħrif. Allura ħsibt li nżomm it-tagħrif fuq kull Bieb limitat għal sittax-il vers jew erba' paragrafi b'erba' linji kull paragrafu. Biss mit-tagħrif li tajt nittama li kont ta' għajnuna għal dawk li jinteressaw ruħhom f'pajjiżna u fl-istorja tiegħu.

